Assoċjazzjoni
Kunsilli Lokali
Local Councils' Association Malta

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt

www.lca.org.mt

# Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv b' Urgenza Nu. 34

**Data:** It-Tlieta, 2 ta' Ġunju 2020
**Ħin:** 12:00pm
**Post:** Online – Microsoft Teams

**Preżenti**:

Is-Sur Mario Fava – President
Chev Paul Farrugia – Viċi President
Dr. Samuel Azzopardi – Viċi President
Is-Sur Michael Fenech Adami – Membru
Is-Sur. Anthony Mifsud – Membru
Is-Sur Jesmond Aquilina – Membru
Is-Sur Mark Grech – Membru
Perit Graziella Galea – Membru
Is-Sur Joseph Cordina – Membru

**Uffiċjal Preżenti:**

Snr. Lianne Cassar – Segretarju Eżekuttiv

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

**34.1 Ġbir ta' Skart Riċiklabbli**

L-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali, sejhet laqgha b' urgenza tal-Eżekuttiv sabiex tiddiskuti l-materja ta' ġir ta' skart riciklabbli.

Dan wara li;

(i) Uhud mill-Kunsilli ilhom jiffaccjaw problem dwar il-gbir ta' dan l-iskart, liema problem jibqghu jingarru minn sena ghal ohra, u

(ii) Ricentament, iz-zewg skemi irtiraw milli jaghmlu gabriet f' numru ta' lokalitajiet

(iii) Id-decizjoni ta' wahda mill-iskemi li ddikkjarat li b' effett mill-1 t' Awwissu, ser twaqqaf is-servizz taghha lill-Kunsilli Lokali assenjati maghha

(iv) Ma nistghux aktar nippermettu li kundizzjonijiet li fuqhom jigi aggukat kuntratt, jigu mibdula jew ma jsirux fuq decizjoni unilaterali ta' xi wahda mill-iskemi u l-Kunsill jibqa' jithalla wahdu

(v) Mhux accettabli l-anqas li l-Kunsilli Lokali jispiccaw ghodda f' idejn l-iskemi biex permezz taghhom isir negozju mall-Awtorita' regolatorja dwar kemm u kif ghandu jingabar l-ikart dovut mill-istess skemi.

Tul dawn l-ahhar gimghat, l-Assocjazzjoni pruvat b' diversi modi iggib din il-problema lill-awtoritajiet kompetenti u anki hadet sehem f' laqghat ma' uhud mill-Kunsilli sabiex forsi tinstab soluzzjoni. Jidher bic-car li soluzzjoni dejjiema tidher 'il boghod u dan qieghed jippregudika l-pozizzjoni tal-Kunsilli Lokali b' mod li s-servizz fil-lokalitajiet ma jinghatax kif ghandu jkun. Se jkun qed iwassal ukoll sabiex fi ftit gimghat, ghadd kbir ta' Kunsilli Lokali u r-residenti taghhom se jispiccaw bla servizz ta' gbir ta' borza griza / hadra.

Dan kollu se jwassal biex ix-xoghol li sar b' tant dedikazzjoni mill-Kunsilli Lokali u bir-rieda tar-residenti, jisfuma fix-xejn. Ghalina dan mhux accettabli.

Fuq proposta tal-President unanimament approvata mill-Eżekuttiv gie deciz li jekk ikun hemm qbil bejn il-Kunsilli Lokali, l-Assocjazzjoni tipproponi lil Gvern li l-gabra tal-iskart riciklabbli ssir mir-Regjun, wara li jinstab mekkanizmu legali u finanzajru. Dan sabiex ir-Regjuni joffru assistenza lill-Kunsilli Lokali u r-residenti taghhom.

Biex dan isir, ir-Regjuni gew mitluba mill-President tal-Assocjazzjoni sabiex isejhu laqgha b' urgenza fir-regjun rispettiv taghhom, fejn jispjegaw dan kollu lill-Kunsilli, u wara dan, dawk il-Kunsilli li jaqblu ma' din il-proposta, jikkonfermaw dan billi jiffirmaw fuq id-dokument anness.

Jekk se mmorru ghal din id-direzzjoni, dan irid isir bla ma jkun hemm l-ebda piz finanzjarju fuq ir-Regjuni jew il-Kunsilli Lokali.

A: Local Councils' Association
Local Government Building,
Triq il-Gvern Lokali,
Marsa, MRS3000 - Malta

T: 00356 2596 8000
E: lca@lca.org.mt
www.lca.org.mt

L-Assocjazzjoni ttenni u tfakkar li li KAP 363, it-Tmien skeda, Artiklu 55, li jitkellem dwar l-allokazzjoni finanzajrja tal-Kunsilli Lokali, juri bic-car li l-immaniggjar tal-iskart huwa responsabbilta tal-Kunsilli Lokali. Ghaldaqstant, nemmnu li dan ghandu jibqa' jaqa' taht il-Gvern Lokali u l-ebda entita' skema jew direttorat iehor.

Fid-Dawl ta' dan, fl-ahhar tal-laqgha, b' vot unanimu gie deciz illi;

(i) Il-Kunsilli Regjonali isejhu laqgha b' urgenza dwar il-materja biex jaraw hemmx appogg mill-Kunsilli Lokali li jappartjenu lilhom

(ii) Il-Kunsilli Lokali isejhu laqgha b' urgenza sabiex is-Sindku jaghti spjega ta' dan kollu u jgib l-approvazzjoni tal-Kunsill tieghu

(iii) Dawk il-Kunsilli Lokali li jaqblu ma' din il-proposta ghandhom jiffirmaw id-dokument anness u mmarkat bhala dokument 'A' u jghadduh lir-Regjun rispettiv taghhom

(iv) Il-Kunsill Regjonali, jghaddi l-istess dokumenti iffirmati lill-Assocjazzjoni sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 22 ta' Gunju 2020

Il-kunsens li ser ikun qed jinghata mill-Kunsilli huwa biss sabiex jibda l-process sabiex jigi esplorat jekk din il-proposta tistax tahdem. Fl-eventwalita' li jinstab il-mekkanizmu mehtieg, il-Kunsilli Lokali iridu jiffirmaw mill-gdid li qed jaccettaw li jircievu s-servizz.

Il-Laqgħa aġġornat għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar.

**Lianne Cassar**
**Segretarju Eżekuttiv**

Dawn il-minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Eżekuttiv Nu.35 li nżammet nhar il-Ħamis, 11 ta' Ġunju 2020.

**Mario Fava**
**President**

Skart Riciklabbli

Ftehim ta' Accettazzjoni ta' qbil dwar it-triq 'il quddiem.

B' referenza ghad-dokument anness, li jaghti spjegazzjoni dwar dak li ghaddejjin minnu l-Kunsilli Lokali fir-rigward tal-gbir ta' skart riciklabbli, ahna hawn taht iffirmati, fil-kariga ta' Sindku u Segretarju Ezekuttiv, ghall-Kunsill Lokali ________________________ u wara li ddiskutejna dan f' seduta tal-Kunsill Lokali taghna, qed naghtu l-awtorizazzjoni taghna sabiex il-Kunsill Regjonali flimkien mall-Assocjazzjoni Kunsilli Lokali, id-Divizjoni ghall-Gvern Lokali u l-Ministeru ghall-Gvern Lokali, jesploraw mekkanizmu dwar kif il-gbir tal-istess skart, jibda jsir mir-regjun.

Nistennew li nigu ikkonsultati f' kull stadju tal-process u jerga' jkun hemm diskussjoni jekk dan il-mekkanizku jinstab u anki dwar l-operat tieghu.

Sindku

ID

Segretaju Ezekuttiv

ID